MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Mandat Numru. 826/2014/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 826/2014 JZM fl-ismijiet :**

**Advent Lifts Services Limited (C49676)**

***kontra***

**P.J.P.C. Constructions Limited (C10756)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-3 ta` Gunju 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u debitament konfermati bil-gurament mir-rapprezentant taghha Raymond Farrugia, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimata milli –

*Tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu xi propjeta` u b`mod partikolari l-appartament internament immarkat bin-numru wiehed (1) formannti parti mill-blokk ta` appartamenti bin-numru ufficjali mija u hamsin (150) fi Mdina Road, Haz-Zebbug, Malta u li jinsab fuq il-livell ta` bini maghruf bhala livell numru zero (groundfloor) u li jinkludi wkoll sehem indiviz mal-propjeta` l-ohra formanti parti mill-blokk tal-partijiet u servizzi kollha tal-Blokk li huma komuni bejn il-propjeta` fil-Blokk u li jinkludu : l-entrata ewlenija tal-Blokk, il-bieb ewlieni tal-Blokk, l-entratura, it-tarag, il-bokka tat-tarag, l-indani, il-lift, lift-shaft, il-makkinarju tal-lift, is-sistema tal-elettriku fit-tarag komuni, is-sistema tad-drain u tad-drenagg eskluz l-arja u l-bejt tal-blokk u kif ahjar deskritt fil-kuntratt fl-atti tas-6 ta` Gunju elfejn u tlettax (2013) tan-Nutara Dr. Roberta Bisazza.*

Rat id-digriet taghha tat-3 ta` Gunju 2014.

Rat li l-intimata kienet notifikata bir-rikors promotorju u bl-avviz tas-smigh tar-rikors fl-20 ta` Gunju 2014.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta` Gunju 2014.

Rat illi ghalkemm issejhet biex tidher, il-kumpannija ntimata baqghet ma dehritx ghall-udjenza tat-23 ta` Gunju 2014.

Rat id-digriet taghha moghti f'dik l-udjenza fejn halliet ir-rikors sabiex dwaru tipprovdi kameralment.

**Ikkunsidrat** :

Ir-rikorrenti ntavolat il-procediment tal-lum a tenur ta` l-**Art 874 tal-Kap.12**.

Raymond Farrugia bhala rapprezentant tal-kumpannija rikorrenti kkonferma bil-gurament tieghu illi l-kumpannija rikorrenti hija kreditrici tal-kumpannija intimata fl-ammont ta` €19,496.15).

Il-Qorti ssib illi sakemm il-pendenza bejn il-partijiet tigi deciza fil-mertu, il-kumpannija rikorrenti ghandha dritt li tikkawtela l-pretensjoni taghha kontra l-kumpannija intimata bil-presentata tal-procediment tal-lum anke ghaliex il-kumpannija ntimata ma gabet l-ebda prova li ghandha fil-pussess taghha flus jew effetti **ohra** li bihom tista` tigi kkawtelata l-pretensjoni tar-rikorrenti fil-konfront taghha.

Ghalhekk kollox meqjus, il-Qorti ssib li fit-talba tar-rikorrenti hemm sodisfatti r-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tal-kumpannija rikorrenti billi :-**

**1) Tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-kumpannija intimata sabiex la tbiegh, la tnehhi, la tittrasferixxi u lanqas ma tiddisponi**

**inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-appartament internament immarkat bin-numru wiehed (1) formanti parti mill-blokk ta` appartamenti bin-numru ufficjali mija u hamsin (150) fi Mdina Road, Haz-Zebbug, Malta u li jinsab fuq il-livell ta` bini maghruf bhala livell numru zero (*groundfloor*) u li jinkludi wkoll sehem indiviz mal-propjeta` l-ohra formanti parti mill-blokk tal-partijiet u servizzi kollha tal-Blokk li huma komuni bejn il-propjeta` fil-Blokk u li jinkludu : l-entrata ewlenija tal-Blokk, il-bieb ewlieni tal-Blokk, l-entratura, it-tarag, il-bokka tat-tarag, l-indani, il-lift, lift-shaft, il-makkinarju tal-lift, is-sistema tal-elettriku fit-tarag komuni, is-sistema tad-drain u tad-drenagg eskluz l-arja u l-bejt tal-blokk u kif ahjar deskritt fil-kuntratt fl-atti tas-6 ta` Gunju elfejn u tlettax (2013) tan-Nutar Dr. Roberta Bisazza.**

**2) Ghall-fini tal-Art 874(3) tal-Kap 12, tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex, ghas-spejjez tal-kumpannija rikorrenti, tinnotifika dan il-Mandat ta` Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta` l-Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzommu ghaldaqshekk.**

**3) Ordni dwar il-hlas ta` l-ispejjes ta` dan il-procediment jibqa` rizervat ghall-gudizzju finali dwar il-pendenza fil-mertu bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------